# IT-TIELET SEZZJONI —

# APPELLI INFERJURI

**11 ta' Jannar 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Giuseppa Dalli

*versus*

Fortunato Baldacchino

**Vettural — Trasport — Responsabbiltà — Danni — Art. 1715 u 1724 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Fil-Liġi Maltija ma tinsab ebda distinzjoni bejn ir-responsabbiltà ta' dak li jeżerċita abitwalment il-mestjer ta' vettural u ta' dak li jassumi l-obligu tat-trasport każwalment. Il-liġi tikkunsidra bħala vettural lil dak li jinkariga ruħu bil-ġarr bl-art u bil-baħar, tan-nies jew tal-ħwejjeġ, mingħajr ma tagħmel ebda distinzjoni, espliċita jew impliċita, bejn il-vettural "di mestiere" u dak okkażjonali; u għalhekk, għall-finijiet tar-responsabbiltà, it-trasport privat huwa ekwiparat għat-trasport publiku.*

*Il-vettural huwa obligat għall-ħsarat li jiġru fil-ħwejjeġ lilu fdati, jekk ma jippruvax li dawn il-ħsarat ġraw mingħajr ħtija tiegħu, imma minħabba aċċident jew forza maġġuri; u dan tant jekk hu vettural privat kemm jekk publiku. B'mod li r-regola preżunta hi dik tar-responsabbiltà tal-vettural, salva l-prova liberatriċi minn din ir-responsabbiltà.*

*U l-vettural, anki dak okkażjonali jew privat, ma jiskaġunax ruħu billi jallega li huwa uża mezzi adegwati għat-trasport li ndaħal għalieh; għax kien faċilment possibbli għalieh li jipprevedi li setgħet tiġri l-ħsara; u lanqas ma jiskaġuna ruħu billi jallega illi min inkarigah bit-trasport kien jaf li l-mezzi li l-vettural kellu għat-trasport kienu inadegwati; għax kien il-vettural li assuma t-trasport, u kien hu,*

*bħala tali, li kellu l-obligu li jippresta mezzi adattati u jadopera d-diliġenza meħtieġa biex ma jiġrix dannu. Divers kien ikun il-każ kieku l-vettural, qabel ma mprenda t-trasport, eskluda jew immenoma pattizjament ir-responsabbiltà tiegħu.*

Il-Qorti:— Rat it-talba tal-attriċi quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta għall-kundanna tal-konvenut biex iħallas dik is-somma li tiġi likwidata minn din il-Qorti għal danni li huwa kkaġuna fil-mobbli u oġġetti oħra tal-attriċi meta huwa ġarrhomlha; bl-ispejjeż, kompriżi 3s. ta' ittra legali. Għall-finijiet tal-kompetenza l-attriċi ddikjarat li dawn id-danni ma jeċċedux l-£10;

*Omissis;*

Rat s-sentenza ta' dik il-Qorti tat-13 ta' Novembru 1957, li biha laqgħet l-istanza attriċi limitatament għas-somma ta' £7, bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut; wara li kkunsidrat;

Illi mill-provi mismugħa jidher ċar li bejn il-kontendenti kien hemm kuntratt ta' trasport, għalkemm għall-ewwel l-attriċi ma riedetx li l-ġarr isir mill-konvenut, u dan aktar peress li l-konvenut kien sabu Ignazio Schembri, li fuq talba tiegħu kien ġie spikkat mandat ta' żgumbrament kontra l-attriċi;

Illi huwa veru li l-van li bih il-konvenut ittrasporta l-mobbli ma kienx adattat għal dan ix-xogħol, u li dan il-fatt kien magħruf mill-attriċi. Din iċ-ċirkustanza, però, ma teżimix lill-konvenut mir-responsabbiltà tiegħu; għaliex bl-aċċettazzjoni tiegħu huwa ntrabat li jġorr il-mobbli bla ma jikkaġunalhom ebda ħsara; u jekk kien jaf li simili dannu kien inevitabbli, huwa kien imissu, jew ma jġorr xejn, jew inkella jagħmel minn qabel id-debiti riżervi dwar l-istess responsabbiltà;

Illi, għar-raġunijiet rilevati mill-perit legali, ġie soddisfaċentement pruvat li l-ħsara fuq l-oġġetti mobili saret waqt it-trasport. Il-konvenut eżegwixxa dan il-ġarr bl-għajnuna ta' rġiel oħra li magħhom l-attriċi ma kellha

ebda relazzjoni ġuridika, u kwindi għandu jirrispondi quddiemha l-konvenut biss;

Illi, biex jiġi riparat id-dannu fl-imsemmija mobbli, l-attriċi nefqet is-somma ta' £7, li, meħuda in konsiderazzjoni l-ħsarat deskritti mill-perit legali, ma tidherx eżaġerata;

Illi l-liġi tikkunsidra bħala vetturali dawk kollha li jinkarikaw ruħhom jittrasportaw minn post għall-ieħor persuni jew affarijiet bi prezz. Il-vettural huwa suġġett għall-istess obligi tad-depożitarju għal dik li hija kustodja u konservazzjoni tal-ħaġa fdata lilu. Bħala regola, id-diliġenza li għandu juża l-vettural hija bħal dik li juża biex jikkustodixxi ħwejġu stess; imma l-grad ta' diliġenza jitqies aktar strettament f'ċerti każijiet, fosthom dak ta' meta l-vettural jiġi kompensat tax-xogħol tiegħu. L-art. 1724 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li l-vetturali huma obligati għall-ħsarat fil-ħwejjeġ lilhom fdati, jekk ma jippruvawx li dawn ġraw minħabba aċċident jew forza maġġuri, u mingħajr ħtija tagħhom. Din id-dispożizzjoni timporta preżunzjoni ta' ħtija għak-kariku tal-vettural; u biex iwaqqa' dik il-preżunzjoni għandu jipprova l-konkors ta' żewġ ċirkustanzi:— (1) L-aċċident jew il-forza irresistibbli bħala kawża tal-ħsara; (2) in-nuqqas ta' ħtija mill-parti tiegħu bħala kawża medjata jew immedjata tal-ħsara (App. "Carmelo Muscat et. vs. Carmelo Agius", 14 ta' Jannar 1939. Vol XXX-I-971-976);

Illi mill-provi li ressaq il-konvenut ma rnexxielux jasal biex jikkontrobatti dik il-preżunzjoni legali; għaliex, kif ġie ritenut fis-sentenza fuq ċitata, biex ikun hemm l-aċċident jew il-forza maġġuri huwa meħtieġ li l-ħsara kienet la preveduta u lanqas prevedibbli, kif ċertament kienet f'dan il-każ in vista li ġie wżat mezz ta' trasport mhux adattat;

Rat in-nota tal-appell tal-konvenut fol. 25. u ċ-ċitazzjoni tiegħu fol. 26. li biha talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi tiġi respinta t-talba; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Wieħed mill-gravami addotti mill-appellant hu li r-responsabbiltà tiegħu ma għandhiex tkun valutata in bażi għal dik tal-vettural, għaliex huwa ordinarjament ma jeżerċitax il-mestjer ta' vettural, u ma joffrix ruħu lill-pubbliku bħala tali, imma għamel it-trasport "de quo" każwalment. Fil-fatt, deher mill-provi li l-konvenut assuma każwalment li jġorr il-mobbli tal-attriċi, pressata b'mandat ta' żgumbrament, fil-van magħluq tiegħu, użat minnu għall-ġarr ta' ħaxix. Assuma dan l-impenn b'kumpens (ara xhieda tiegħu fol. 19);

Dan il-gravam ma hux fondat. Fil-Liġi Maltija ma tinsab ebda distinzjoni bejn ir-responsabbiltà ta' dik li jeżerċita abitwalment il-mestjer ta' vettural u ta' dak li jassumi l-obligu tat-trasport każwalment. Fl-art. 1715 Kap. 23 Ediz. Riv., il-liġi tikkunsidra bħala vettural dak li jinkarika ruħu bil-ġarr, bl-art jew bil-baħar, tan-nies jew tal-ħwejjeġ. Ma hemm ebda distinzjoni, esplicita jew implicita, bejn il-vettural "di mestiere" u l-vettural okkażjonali; u ma hux leċitu għall-interpreti jinduċi distinzjoni fit-test tal-liġi li din stess ma tagħmelx u ma tikkontemplax. Fil-liġi tagħna, għalhekk, it-trasport privat, għall-finijiet tar-responsabbiltà, hu ekwiparat għat-trasport publiku. Dan jiddher ukoll li hu s-sistema kontinentali; għaliex fil-Liġi Taljana, per eżempju, meta l-leġislatur taljan ried jirriferixxi speċifikatament għall-vetturali publiċi, għamel dispożizzjoni speċjali, fejn sejjħilhom b'nomenklatura partikulari, ċjoè "imprenditori di trasporti pubblici" (art. 1632-1633 ta' dak il-Kodiċi). Divers hu l-każ fil-Liġi Ingliża, fejn hemm id-distinzjoni bejn il-"carrier" (f'sens ġenerali ta' "a person who undertakes to transport the goods of another from one place to another for hire") u l-"common carrier", li jeżerċita l-mestjer tiegħu bħala "a public employment", li jassumi t-trasporti "for persons generally", u li "holds himself out as ready to transport goods for hire as a business, not as a casual occupation" (ara Wharton's Law Lexicon, vuċi "Carrier");

Dan il-gravam, għalhekk, ma huwiex attendibbli, u r-responsabbiltà tal-konvenut ġiet rettament valutata

mill-Ewwel Qorti in bażi għad-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar il-vetturali;

Din il-Qorti taqbel ma' dik tal-Ewwel Grad li l-konvenut ma rnexxielux jiskaġuna ruħu mir-responsabbiltà billi jipprova l-aċċident jew il-forzá irresistibbli, jew in-nuqqas ta' ħtija mill-parti tiegħu, skond l-art. 1724 ibidem. Ir-regola preżuntiva hija dik tar-responsabbiltà tal-vetturali, salva l-prova liberatorja. Din il-prova ma ntlaħqetx mill-konvenut; għaliex fiċ-ċirkustanzi tal-każ kien faċilment prevedibbli minnu li l-ħsara setgħet issir, u ma kien hemm xejn li jista' jingħad li rrenda invinċibbilment inevitabbli l-ħsara, peress li kien hemm dejjem il-kolpa inizzjali tiegħu li għabba l-mobbli f'dak il-van mhux adattat; u hu sewwa l-insenjament tal-Chironi, "Colpa Extra-Contrattuale", Lib. II, n. 542 bis, fis-sens li "l'efficacia del caso fortuito e della forza maggiore, o dello stato di necessità, quali mezzi liberatori dalla responsabilità, cessa quando sieno questi avvenimenti preceduti da dolo o colpa dell'agente......";

Lanqas tista' tiswa lill-appellant is-sottomissjoni li l-attriċi wkoll kienet taf li l-van tal-konvenut ma kienx adattat għat-trasport tal-mobbli; għaliex kien il-konvenut li kien qiegħed jassumi t-trasport, u kien hu, għalhekk, li kellu l-obligu li jippresta mezz adattat u li jadopera l-kawteli meħtieġa. Kien ikun divers il-każ kieku l-konvenut, qabel ma mprenda t-trasport, eskluda jew immenoma pattizjament ir-responsabbiltà tiegħu. Imma hu dan ma għamlux;

Għal dawn ir-raġunijiet, u għal dawk tal-Ewwel Qorti;

Tiddeċidi, billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellant.